MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 382/2000/1

**W.J. Parnis England Limited bhala agenti ta' Bulcon Navigation Maritime Bulgare**

**Vs**

**M L R Imports Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettit illi hija kreditrici tal-kumpannija konvenuta fis-somma ta' elfejn, sitt mija u tlieta u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm2,633.50) rapprezentanti prezz ghal servizz ta' "freight" u servizzi ancillari provduti lill-kumpannija konvenuta fuq ordni taghha stess (fattura annessa bhala dok A);

Premess illi l-kumpannija konvenuta ghalkemm interpellata biex thallas, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' April, 1999, baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant il-kumpannija attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u tlieta u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm2,633.50) rapprezentanti prezz ghal servizz ta' freight" u servizzi ancillari provduti lill-kumpannija konvenuta fuq ordni taghha stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' April, 1999 u bl-imghax legali li sallum jammonta ghal erba' mija u sitta u erbghin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm446.87) skond prospett anness bhala Dok. B, b'rizerva ghal imghax ulterjuri sal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kumpannija attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' **l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex thallas l-ammont pretiz lis-socjeta' attrici billi l-kreditu tas-socjeta' attrici jinsab parzjalment pacut ma kreditu izghar tas-socjeta' konvenuta ghad-danni lilha kkawzati waqt il-garr ta' merkanzija mis-socjeta' estera Bulcon Navigation Maritime Bulgare, rapprezentata mis-socjeta' W.J. Parnis England Limited, u ghal liema s-socjeta' konvenuta qieghda taghmel il-prezenti kontro talba ;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ;

Rat **il-kontrotalba tal-konvenuti** a fol 12 fejn il-konvenuti ippremettew:

Illi s-socjeta' attrici kienet inkarigata mis-socjeta' konvenuta ghall-garr tal-merkanzija taghha ;

Premess illi fit-3 ta’ Ottubru 1997 is-socjeta’ konvenuta rceviet merkanzija taghha li kien qieghed jingarr mis-socjeta’ attrici, totalment distrutta kagun ta’ ilma li ppenetra ghal gol-container numru IEAU 21762/9 ;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta sofriet danni fil-merkanzija, liema danni jammontaw ghal elfejn mitejn u hdax-il lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm2,211.31), kif certifikat minn rapprezentant tas-socjeta’ attrici ;

Premess illi s-socjeta’ attrici kienet responsabbli sabiex il-merkanzija titwasal f’kundizzjoni tajba ;

Premess illi s-socjeta’ attrici ghalkemm interpellata baqghet inadempjenti ;

Tghid ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta ghaliex m’ghandiex din il- Qorti, ghar-ragunijiet imsemmija :

1. tiddikjara lis-socjeta’ attrici reponsabbli ghall-hsara li sehhet fil-merkanzija gol-container numru IEAU 217621/9 ;

2. tillikwida danni li s-socjeta’ konvenuta sofriet kawza tal-hsara fil-container fuq imsemmi ;

3. tikkundanna lis-socjeta’ attrici thallas lis-socjeta’ konvenuta dik is-somma li tigi hekk likwidata in via ta’ danni ;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta’ Mejju 1999 u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ attrici.

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba** tal-kumpannija konvenuta a fol. 15 tal-process fejn eccipiet :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-trasportatur qeda l-inkarigu tieghu skond il-ligi.

2. Illi subordinatament il-kumpannija konvenuta trid tipprova li l-hsara li allegatament saret, sehhet waqt it-

traggit stante li l-"container" tghabba u ngarr taht kundizzjonijiet "said to contain" peress li kien ix-"shipper " li mela u ssigilla l-"container".

3. Illi skond klawsola 11 tal-polza tal-karigu l-kumpannija attrici m'ghanha ebda responsabilita f'kaz li l-"container" uzat kien mhux idoneju ghall-vjagg u dan l-istat kien apparenti ghall-persuna ragonevoli.

4. Illi jridu jigu ppruvati d-danni allegatament sofferti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**Provi**

**Joseph Bowman,** General Manager mas-socjeta' attrici, xehed li l-konvenuti ma hallsuhomx ghall garr ta' xi containers ghax qalu li waslu bil-hsara minn barra. Il-kumpanija Bulcon Shipping tipprovvdi l-container u dan jigi mimli mis-shipper. Il-container ikun fih polza "said to contain" fis-sens li huma ma jkunux jafu ezatt x'fih il-container izda jkun hemm il-Bill of Lading. Huma kienu garru dana l-container bhala agenti tas-socjeta' barranija Bulcon. Il-konvenuti mhux qed jikkontestaw l-ammont miltub ghall garr. Il-konsenja li fuqha l-konvenuti qed jaghmlu l-kontrotalba m'ghandiex x'taqsam mat-talba f'dina c-citazzoni. Huma mhumiex responsabbili ghall dak li hemm gol container. Huma joqghodu mad-dikjarazzjoni li jkun hemm fil-Bill of Lading li jaghmel is-shipper. Il-container jittiehed ghand is-shipper u hu dover tieghu li jezamina l-container biex jara li hu tajjeb biex juzah.

**Nazzareno Baldacchino** xehed li kienu gabu l-container u sabu li l-kontenut kien imxarrab. Il-hsara grat waqt it-tragitt. Huma kellhom certifikat mill-Bulgarija li l-container

hareg sew. Il-hsara grat ghax ippenetra l-ilma fil-container.

**Giljan Grech** burdnar xehed li l-container kellu s-saqaf imtaqqab bocci bocci bis-sadid u l-ixkejjer kienu mxarrbin. Kien mar l-agent u ha r-ritratti. Dawn it-toqob kienu ilhom hemm ghax kellhom is-sadid. Meta tiftah il-container tista' tara t-toqob ghax jidhol id-dawl minn dawn It-toqob.

**Philip Meli** xehed li l-container jitghabba mis-supplier u jissigillah ghalhekk huwa "said to contain". Hemm klawsola 11 fil-polza tal-karigu li tghid li jekk il-container ikun in "apparent bad order" is-shipper m'ghandux jghabbi. Is-shipper ghandu jezamina l-container u jekk jara li l-container mhux tajjeb ghal export ghandu jirrifjutah.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Kwantu ghall-ammont mitlub mill-atturi fic-citazzjoni ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.

Il-kontestazzjoni fl-eccezzjoni tal-konvenuti u anke fil-kontrotalba taghhom hija fis-sens li huma ghandhom jiehdu somma minghand l-atturi bhala danni kagjonati lilhom waqt il-garr ta' merkanzija mis-socjeta' estera Bulcon Navigation rapprezentata Malta mill-atturi.

L-argument ta' l-atturi hu li l-container kien ittiehed ghand is-shipper u kien dover ta' dana li jezamina l-container biex jara li hu tajjeb biex juzah.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-container gie provvdut mis-socjeta' estera Bulcon li ghaddietu lis-shipper biex jghabbih. Il-partijiet jaqblu li dan il-container kien f'kondizzjoni hazina u kien fih toqob li minnu dahal l-ilma waqt il-vjagg u ghamel hsara lill merkanzija. Jidher ukoll li l-hsara fil-container ma saritx tul il-vjagg imma kienet hemm qabel ghax it-toqob kienu bis-sadid.

Kif xehed Giljan Grech il-burdnar dawn it-toqob kont tista' tarahom meta tifah il-container ghax jidhol id-dawl minn

dawn lt-toqob. Dan ifisser li meta tghabba l-container suppost li s-shipper kellu jinduna li kien hemm dika l-hsara.

*A shipowner is not liable for faulty packing or other negligence on the part of the cargo-owner. A plaintiff cannot recover in respect of damage arising out of his own default. The shipowner may plead this defence where the goods delivered are improperly packed <u>or packed in improper containers,</u> and he may do so even though he knew of this at the time of their reception. But the carrier must use care in the carriage of the goods and will be liable for damage caused by defects of which he knows*. (Shipping Law R.D.Bartle).

Ma ngabux provi li Bulcon kienu jafu li dan il-container partikolari, mill eluf ta' eluf li ghandhom, kien bil-hsara.

Inoltre, skond il-klawsola 11 tal-Bill of Lading, taht CONTAINERS - SHIPPER PACKED CONTAINERS - *If a container has not been filled, packed, stuffed or loaded by the carrier, the Carrier shall not be liable for loss of or damage to the contents … where (d) the unsuitability or defective condition of the container which would have been apparent upon reasonable inspection by the merchant at or prior to the time when the container was filled , stuffed or loaded.*

Fil-kaz in ezami s-shipper setgha jinduna li l-container kien bil-hsara u messu rrifjutah. Invece hu ghabba l-container u ssigillah. Meta ghabba l-container hu setgha jinduna li dan kien in "apparent bad order" .

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talba attrici
u tichad l-eccezzjonijiet u l-kontrotalba tal-konvenuti
bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------